MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2010

Numru. 43/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**
**Sammy Hili ta' 17-il sena , iben Alfred u Pawla nee' Spiteri, imwieled Rabat Ghawdex nhar it-02 ta' Awissu 1990, u residenti fil-fond bin-numru 40, Triq Hamsin, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 31590(G)**

**Christian Bugeja ta' dsatax-il sena, iben Michael u Maria Concetta nee' Camilleri, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-31 ta' Lulju 1988 u residenti fil-fond bin-numru 42, Triq il-Mithna, Xewkija Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 27588(G)**

**Nathan Cauchi ta' sittax-il sena, iben Martin u Connie nee' Bigeni, imwieled Rabat, Ghawdex nhar il-25 ta' Dicembru 1991, u residenti fil-fond bin-numru 26, Triq**

**il-Mithna, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 3592(G)**

**Charlon Curmi ta' tmintax-il sena, iben Mario u Mary nee' Axiak, imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-18 ta' April 1990, u residenti fil-fond "Mari Mar", Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 18690(G)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati, akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer bejn is-7 u it-8 ta' Gunju 2008 gewwa x-Xlendi limiti tal-Munxar Ghawdex ghal habta ta' nofsilejl (00:00hrs):

a. serqu zewg skrejjen liema serq jeccedi €232.94, izda ma jeccedix €2329.72 u dana sar ghad-detriment ta' Louis Attard (ID8468(G)), liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

U lil Christian Bugeja wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

a. saq motor car jew vettura ohra minghajr il-licenzja tas-sewqan mehtiega.
b. U aktar talli fl-istess cirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2009, l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba fil-konfornt taghhom.

Rat ir-rapporti maghmula mill-ufficjali tal-probation Chantal Avellino u Joanna Farrugia fil-konfront tal-imputati.

Semghet lill-imputati jirriaffermaw l-ammissjoni taghhom u dana wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-provi prodotti mil-prosekuzzjoni f'dina l-kawza u fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati, l-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tikkonsiedra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi dawn iz-zaghzagh ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom, l-eta' tenera u l-fedina penali nadifa taghhom ilkoll. Fuq kollox il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-*pre-sentencing reports* imhejjija mill-Probation Officers Chantal Avellino fil-konfront tal-imputati Sammy Hili u Christian Bugeja u r-rapporti ta' Joanna Farrugia fil-konfront tal-imputati Charlon Curmi u Nathan Cauchi. Illi l-erba' imputati ikkoperaw mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet, ammettew mal-ewwel l-involviment taghhom fil-kummissjoni ta' dana r-reat ta' serq u anke r-rifurtiva giet ritornata minnufih, tant illi fil-kors ta' dawn il-proceduri penali, l-istess giet ritornata lill-parti leza Louis Attard. Illi ma jidhirx illi l-imputati huma xi zaghzagh moghtija ghat-triq tad-delinkwenza. Jidher illi dina kienet xi avventura ta' zaghazagh li huma, li qabbdu u hadu skrun minn dghajsa peress illi taghhom kien miksur u meta indunaw li dana kien kbir wisq ghad-daghjsa taghhom huma serqu iehor izghar. Wara li ghamlu dana, huma irrealizzaw li kienu zbaljaw, izda imbaghad bezghu jirraportaw il-kaz lill-pulizija. Ghalhekk fic-cirkostanzi ta' dana l-kaz certament piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja.

Illi fir-rigward tal-imputat Christian Bugeja, huwa gie akkuzat ukoll illi saq vettura minghajr ma kellu licenjza tas-sewqan kif ukoll minghajr ma l-istess vettura kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni. Illi l-imputat ammetta wkoll ghal dawna l-akkuzi, izda peress illi dawna z-zewg reati gew kommessi bhala mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat l-iktar gravi u cioe' r-reat ta' serq tal-iskrejjen, kwindi dina l-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet Malta ser timponi biss piena ghar-reat l-iktar gravi u cioe’ r-reat tas-serq.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 261(c), (f), (g), 267, 270, 271(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-konfront tal-imputat **Sammy Hili**, b’applikazzjoni tal-.artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-hati qed jitqieghed taht **ordni ta’ probation ghal zmien sena mil-lum** u fil-konfront tal-imputati **Christian Bugeja, Charlon Curmi u Nathan Cauchi**, b’applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti qed tqieghed lil dawn il-hatja **taht Ordni ta’ Servizz fil-Komunita u dana ghal hamsin siegha** u dana wara li l-hatja iddikjaraw illi qed jaqqblu ma’ dina l-ordni.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma ma joqghodux ghal dawn l-ordnijiet imposti fuqhom illum jew jikkomettu reat iehor matul il-perijodu illi l-imsemmija ordnijiet ikunu ghadhom fis-sehh.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------